

DIGRIET TAT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU  
(L-Ewwel Awla)  
14 ta' Diċembru 2007

Kawża F-21/07

**Luigi Marcuccio**  
**vs**  
**Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej**

“Servizz pubbliku — Uffiċjali — Rikors għad-danni — Ipproċessar allegatament illegali ta’ data medika — Inammissibbiltà — Nuqqas ta’ osservanza ta’ terminu rāgħonevoli biex tiġi ppreżentata talba għad-danni”

Test sħiħ bit-Taljan . . . . . II-A-1 - 2621

**Suġġett:** Rikors ippreżentat skond l-Artikoli 236 KE u 152 Euratom, li bih L. Marcuccio qed jitlob, prinċipalment, kumpens għad-dannu allegatament subit minnu minħabba serje ta’ aġir illegali li xi impjegati tal-Kummissjoni kkommettew b'mod partikolari waqt l-ipproċessar tad-data medika tiegħu.

**Deċiżjoni:** Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli. Kull parti għandha tbat i-l-ispejjeż tagħha.

## **Sommarju**

*1. Proċedura — Ammissibbiltà tar-rikorsi — Evalwazzjoni fir-rigward tar-regoli fis-seħħ met-a ġiet ippreżentata t-talba  
(Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, Artikolu 76)*

*2. Uffiċjali — Rikors — Termini — Talba għal kumpens indirizzata lil istituzzjoni — Osservanza ta' terminu raġonevoli  
(Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 46; Regolamenti tal-Persunal, Artikolu 90)*

1. Jekk ir-regola msemmija fl-Artikolu 76 tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, li tħid li t-Tribunal jiċċista' permezz ta' digriet, jiċħad rikors li jidher manifestament li għandu jiġi miċħud, hija regola ta' proċedura li hija applikabbli, bħala tali, mid-data tad-dħul tagħha fis-seħħ għall-kawżi kollha pendent quddiem it-Tribunal, dan ma jgħoddx għar-regoli li abbażi tagħhom it-Tribunal jiċċista' b'applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, iqis li rikors huwa manifestament inammissibbli u li jistgħu jkunu biss dawk applikabbli fid-data tal-preżentata tar-rikors.

(ara l-punt 14)

2. Huma l-uffiċjali jew l-impiegati li għandhom, f'terminu raġonevoli, jirreferu lill-istituzzjoni kull talba intiża sabiex jinkiseb kumpens mill-Komunità minħabba dannu attribwibbli lilha, u dan mill-mument li fih huma jkunu saru bis-sitwazzjoni li dwarha jkunu qed jilmentaw. In-natura raġonevoli tat-terminu għandha tīgi evalwata skond ċirkustanzi partikolari għal kull każ u, b'mod

partikolari, mill-interess fil-kwistjoni għall-parti kkonċernata, mill-kumplessità tal-każ u mill-aġir tal-partijet involuti.

F'dan ir-rigward, għandu jittieħed ukoll inkunsiderazzjoni l-punt ta' paragun mogħti mit-terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin previst għall-kawża għal responsabbiltà mhux kuntrattwali fl-Artikolu 46 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, it-terminu ta' ħames snin ma jistax jikkostitwixxi limitu riġidu u intanġibbli li mingħajru kull talba tkun ammissibbli jkun liema jkun iż-żmien meħud mir-rikorrent sabiex jindirizza t-talba tiegħu u jindika c-ċirkustanzi tal-każ quddiem l-amministrazzjoni.

(ara l-punti 19 sa 22)

Referenza:

Il-Qorti tal-Prim'Istanza: 5 ta' Ottubru 2004, Eagle *et vs* Il-Kummissjoni, T-144/02, ġabru p. II-3381, punti 65 u 66; 1 ta' Frar 2007, Tsarnavas *vs* Il-Kummissjoni, F-125/05, ĠabraSP p. I-A-1-43 u II-A-2-231, punti 76 u 77